# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 10 ta' Jannar, 2001**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 2129/00GV**

**Doc. Nru. 5-01**

**Dottor Ivan Gatt bhala mandatarju specjali ta' Ahmed Sassi Belhoul**

**vs**

**Frank Cachia**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' mitejn u hamsin elf dollaru Amerikan (USD 250,000) rapprezentanti s-somma mislufa brevi manu mill-attur nomine lill-konvenut;

Premess illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, u ghalkemm dejjem ipprometta li ser ihallas, xorta wahda baqa' inadempjenti;

Premess illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess attur nomine jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u li fil-fehma tal-attur nomine, l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

In vista tal-premess, l-attur nomine talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta' mitejn u hamsin elf dollaru Amerikan (USD250,000) jew somma ekwivalenti fi flus Maltin rapprezentanti s-somma mislufa brevi manu mill-attur nomine ghall-konvenut;

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 10 fejn eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok l-irritwalita tal-ewwel talba attrici billi l-attur ma hax il-gurament kontemplata fl-artikolu 167(2) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili;

2. Fit-tieni lok illi in rigward tal-mertu li l-eccipjent qatt ma ssellef is-somma ta' US$250,000 minghand l-attur nomine;

3. Fit-tielet lok illi l-konvenut kien issellef somma ta' flus f'dinari Libjani, fil-Libja, liema somma ma tekwivalix ghas-somma mitluba fic-citazzjoni, u liema self huwa regolat bil-ligi in vigore fil-Libja;

4. Fir-raba' lok illi skond il-ligi Libjana ma hemm dovuti ebda interessi fuq is-somma misluf u li l-attur qieghed jitlob is-somma ta' US$250,000 biex jahbi interessi mhux permessi la taht il-ligi Libjana u lanqas taht dik Maltija;

5. Fil-hames lok u fi kwalunkwe kaz il-partijiet kienu ghamlu ftehim partikolari dwar ir-ripagament tas-somma mislufa, liema ripagament kellu isir il-Libja;

6. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

**Il-konvenut** xehed li hu ghandu jaghti l-ammont ta' 400,000 Dinar Libjan li ma jammontawx ghas-somma mitluba fic-citazzjoni. Hu qieghed fi trattativi mal-konvenut biex ihallas il-flus lura permezz ta' merkanzija. Hu kellu ihallas lura s-somma permezz ta' dinari libjani.

**L-attur** ipprezenta dikjarazzjoni Dok IG1 minn fejn jirrizulta li l-konvenut kellu jhallas is-somma ta' 429,000 Dinari Libjani li kellhom jithallsu f'tliet installments li kollha ghalqu, f'dollari Amerikani.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Fic-citazzjoni l-attur nomine talab is-somma ta' US Dollars 250,000.

Illi l-konvenut ma ressaq ebda prova biex jissostanza l-eccezzjonijiet tieghu. Hu ma gabx prova li kien hemm xi ftehim accettat mill-attur li hu kellu jhallas lura permezz ta' merkanzija. Lanqas ma jirrizulta li l-pagament lura kellu jkun f'Dinari Libjani anzi mid-dok IG jirrizulta li kellhom jithallsu f'dollari Amerikani.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' it-talba attrici; u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' US Dollars 250,000 ekwivalenti ghall-mija u tlettax-il elf, mija u hdax-il lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm113,111.93) (skond il-valur tal-kambju fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Settembru, 2000, id-data tal-prezentata tac-citazzjoni). Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**